**Magistrat**
**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL D**

**Il-Pulizija**
**Spettur Francis Micallef**
**Spettur Mario Bonnici**
**v**

**JOSEPH RAYMOND CHRISTIE**

**Illum, 19 ta' Novembru, 2001**

**II-Qorti;**

Rat li l-imputat **JOSEPH RAYMOND CHRISTIE** ta' wiehed u tletin sena bin l-mejjet William u Edith Mary nee Ridout, imwieled Victoria, Ghawdex nhar l-erbatax ta' Gunju, 1968 u joqghod 'Vilhena Flats', Flat 14, Triq Magazini, Floriana, detentur ta1-karta tal-identita numru 34368G gie mressaq quddiemha akkuzat talli nhar l-ewwel ta' Frar, 2000, u matul x-xhur ta' qabel b'diversi atti maghmulin minnu wkoll jekk fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, u cioe talli f'Tas Sliema :

1. kkommetta serq ta' flus u oggetti ohra mill-hanut Dickens Library, serq mill-ispizerija Economical, serq mill-ispizerija Harley, serq f'zewg dati differenti mill-hanut Lady Di, serq f'zewg okkazzjonijiet differenti mill-ufficju tat-Tunintair, serq mill-ufficju tal-HSBC, serq f'zewg okkazzjonijiet differenti minn Scouts Centre, Sliema, serq mill-hostel tal-N.S.T.S. u serq mill-uffciju tal-kumpanija First Gemini Plc, filwaqt li mill-Belt Valletta kkommetta serq mill-ufficju ta' Montaldo Insurance kif wkoll serq mill-ufficju tal-Computime Limited, liema serq sar ghad-detriment tas-sidien rispettivi ta' dawn l-istabbilimenti, istituzzjonijiet u kumpaniji u li huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur ta' aktar minn elf lira maltin, bil-hin u bil-lok.

2. Talli wkoll fl-istess zmien u cirkostanzi, xjentement laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta kif wkoll barra minn Malta jew xjentement b'kull mod iehor indahal sabiex jbieghom jew jmexxihom;

3. Talli fl-istess zmien u cirkostanzi, voluntarjament hassar jew ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara tammonta ghal aktar minn hamsin liri maltin.

4. Talli wkoll rrenda ruhu recidiv b'sentenzi li gew definittivament decizi mill-Qorti tal-magistrati fit-tmintax ta' Ottubru, 1996 u fil-wiehed u ghoxrin ta' Novembru, 1997.

5. Talli wkoll kiser il-kundizzjoni imposta fuqu mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta f'sentenza li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett snin bl-applikazzjoni tal-Artikolu 9 tal-Kap 152 tal-Ligijiet ta' Malta liema sentenza nghatat fis-sittax ta' Marzu, 1998.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fl-atti fosthom l-artikoli tal-Avukat Generali mibghuta minnu stess nhar l-ghaxra ta' Lulju, 2001.

Semghet lil imputat fis-seduta tat-tlieta w ghoxrin ta' Lulju, 2001 jiddikjara li m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta.

Semghet lil imputat jirregistra ammissjoni ghall-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu salv ghal akkuza ta' ricettazzjoni u in oltre ezenta lil Prosekuzzjoni mill-htiega li tressaq xhieda ohra in sostenn tal-akkuzi mressqa minnha.

Il-Qorti pero nnotat li fl-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali ma hemmx indikat l-artikolu 334 tal-Kap 9 u ghalhekk l-imputat mhux akkuzat bir-reat ta' ricettazzjoni.

Fuq l-ammissjoni tal-imputat il-Qorti m'ghandhix triq ohra salv li ssibu hati tal-akkuzi kollha kif addebitati lilu u cioe dik ta' serq kontinwat aggravat bil-mezz, bil-valur, bil-hin u ta' hsara voluntarja, talli hu recidiv u talli kkommetta reati waqt l-operat ta' *probation order*.

L-imputat talab li jressaq numru ta' xhieda ghad-difiza tieghu ai fini tal-piena li din il-Qorti trid taghti.

L-ewwel ma **xehed** kien il-Psikjatra **Dottor Joseph Spiteri** li qal li l-imputat jinsab ghaddej programm ta' rihabilitazzjoni mas-

SATU flimkien ma programm ta' ghajnuna psikologika u li fil-fehma tieghu sejjer tajjeb hafna u ghamel progress sostanzjali.

**Joan Camilleri xehdet** nhar t-tlieta w ghoxrin ta' Lulju, 2001 fejn qalet li ilha ssegwi lil imputat fil-kapacita taghha ta' Psikologa ghal perjodu ta' disgha xhur. Hija kkonfermat li l-imputat ghamel progress fis-sens li z-zmien ta' agitazzjoni qed jonqos u l-*outbursts* tieghu qed jonqsu b'mod drastiku.

**Michelle Sultana** li hija Probation Officer **xehdet** li hija qed issegwi lil imputat fil-kapacita taghha ta' Probation Officer u dan ghaliex f'Marzu, 2000 huwa nghata ordni ta' Probation Officer mill-Qorti. Ghall-ewwel bdiet ssegwih waqt li kien fil-Facilita Korrettiva ta' Kordin u sussegwentement wara waqt li qieghed ghaddej bil-programm tas-SATU. Fil-fehma taghha l-imputat jbati minn *dual diagnosis* fis-sens li l-*addiction* tieghu hija stat sekondarja fil-problemi psikologici tieghu. L-imputat ghadda minn diversi esperjenzi trawmatici fit-tfulija u l-adolixxenza tieghu u dawn hallew effett negattiv fuqu, tant li beda jabbuza mid-droga u eventwalment waqa fil-kriminalita. Fil-fehma taghha l-imputat jidher determinat u motivat biex jghin ruhu bil-ghan li jgheleb il-vizzju tad-droga

definittivament u konsegwentement jaghti aktar sens lil hajtu. Dan qalitu peress li l-progress tal-imputat fil-programm ta' rihabilitazzjoni tas-SATU kien wiehed kostanti w inkoraganti ferm.

**Joanne Battistino** wkoll **xehdet** li l-imputat ghandu Probation Order maghha li nghatatlu mill-Qorti tal-Magistrati u fil-fehma taghha l-imputat ghamel progress kbir minn meta beda il-programm mas-SATU.

Illi l-Avukat Difensur tieghu waqt t-trattazzjoni orali li ghamel fis-seduta tat-tlieta ta' Ottubru, 2001, issottometta li l-Qorti ghandha taghti konsiderazzjoni qawwija tal-fatt li reati bhal dawn in dezamina jrendu l-kompitu tal-Pulizija difficili stante li principalment il-hinijiet li fihom solitu jigu kommessi u ghalhekk l-ammissjoni da parti tal-imputat timmerita konsiderazzjoni qawwija meta tkun akkumpanjata b'informazzjoni li, dejjem kif issottometta l-imsemmi Avukat Difensur, hija utili fis-sens li tiffacilita l-kompitu indubbjament difficili tal-Pulizija li jintraccjaw l-origini ta' reati bhal dawk odjerni bi skop li jigu eradikati mill-Pulizija.

Il-Qorti in subjecta materja qabel xejn tghamilha cara li kull imputat jigu gudikat u f'kaz li tigi stabbilita l-ezistenza ta' responsabbilita kriminali jigi penalizzat unikament u esklussivament ghal konsegwenzi naturali tal-azzjonijiet tieghu, mehudin fid-dawl ta' kull cirkostanza attenwanti u aggravanti li tirrizulta mill-process.

Il-gudizzju ta' din il-Qorti huwa bhal kull gudizzju iehor dirett biex issir gustizzja mal-imputat u dan ghar-reati li jkun ghamel.

Dan pero m'ghandhux jiftiehem fis-sens li l-Qorti ghandha tinjora kompletament il-frekwenza ta' reati li jkunu gew kommessi.

Huwa fatt meritevoli ta' konsiderazzjoni li l-imposizzjoni ta' piena ghandha wkoll sservi sabiex tiskoragixxi l-kommissjoni tar-reati, izda dan l-iskop preventiv tal-piena ghandu mportanza incidentali fis-sens li m'ghandhux jincidi fuq l-ghan ewlieni taghha, li ssir gustizzja mal-imputat ghal dak li jkun ghamel, u huwa precizament f'dan l-iskop ewlieni tal-piena li jirrisjedi l-iskop preventiv taghha u b'mod li c-certezza li ser ssir l-gustizzja ma kulhadd, in bazi tal-azzjonijiet tieghu, per se, ghandu bhala effett

inevitabbli u desiderabbli, dak li jiskoraggixxi lil terzi milli jaghmlu reati simili.

L-Avukat Difensur issottometta punt iehor in materja u cioe l-utilita li stqarrija bhal dik rilaxxjata mill-imputat kontenenti ammissjoni w informazzjoni ghandha fis-sens tghin lil Pulizija fl-investigazzjoni u ghalhekk sostna li l-Qorti ghandha tkun hanina mieghu.

Hawnhekk il-Qorti thoss li ghandha tosserva li kemm l-ammissjoni kif wkoll l-informazzjoni rilevata mill-Pulizija ghandhom post fil-konsiderazjoni tal-piena izda certament m'ghandhomx jkollhom l-effett li jeskludiha kompletament u dan ghal-ragunijiet ovvji ghax altrimenti il-Qorti tkun qed tippermetti sitwazzjoni fejn persuna li tkun ghamlet il-hsieb li tikkommetti reat, tkun qed tigi konkoragguta bl-isperanza, anzi c-certezza li din ser tigi ezentata mill-piena, una volta tammetti u tirrivela x'informazzjoni li tkun utili ghal Pulizija.

Kif gie deciz fis-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sitta w ghoxrin ta' Gunju, 1986*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Adrian Busuttil** ;

> *"Huwa nnegabbli li l-Qorti ghandha s-sehem taghha fil-manteniment tal-ordni pubbliku, izda dan is-sehem ma jiehux din il-forma. Is-sehem tal-Qorti jikkonsisti filli ssir gustizzja mal-imputat bazata fuq ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz b'hekk tiskuraggixxi l-kommissjoni tar-reati."*

L-Avukat Difensur sostna wkoll li l-imputat kellu passat ta' kriminalita minhabba c-cirkostanzi li nstab fihom u cioe t-trobbija li kellu xejn felici.

Il-Qorti rat il-fedina penali tieghu sabiex tistabbilixxi x'tip ta' reati kriminali l-istess imputat kien ikkommetta u minn ezami akkurat taghha jirrizulta li l-imputat kellu problemi ta' droga tant li mill-1994 sal-1997 diga kellu erba konvizzjonijiet dwar droga u l-imputat inghata diversi cansijiet mill-Qorti fejn minflok ma ntbaghat l-habs jiskonta piena karcerarja, inghata Probation u multi pero dan nonostante reggha kiser dufrejh mal-ligi u reggha qieghed quddiem il-

Qorti. Il-Qorti ma tridtx taghti l-impressjoni li l-imputat jista jikser l-ligi u ma jigix penalizzat ghal dak l-ksur.

Minn ezami tax-xhieda prodotta mid-Difiza u cioe dik ta' Doctor Joseph Spiteri, Joan Camilleri, Michelle Sultana u Joanne Battistino jirrizulta li l-imputat ghandu problemi psikologici ghalkemm bl-ghajnuna li qed jinghata jidher li qed jaghmel progress u jkollu rizultat posittiv u ghalhekk il-Qorti ser tiehu dan l-fattur in konsiderazzjoni meta tigi biex taghti il-piena idoneja.

Il-Qorti pero ma tistax minn naha l-ohra tinsa l-hsara li sofriet l-komunita minhabba dan l-agir tal-imputat fis-sens ta' danni li gew subiti minn diversi nies minhabba dawn id-diversi serqiet u li ghadhom ma gewx kompensati.

Ghalhekk il-Qorti thoss li trid tikkreja bilanc billi taghmel gustizzja mal-imputat u tiehu hsieb l-interess tas-socjeta, li wara kollox l-istess imputat jifforma parti minnha.

**Fic-cirkostanzi ghalhekk il-Qorti, wara li rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar l-ghaxra ta' Lulju, 2001**

**esibiti fl-atti, tiddikjara li qed ssib lil imputat JOSEPH RAYMOND CHRISTIE hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu u tikkundannah komplessivament ghal piena karcerarja ta' sentejn.**

**Oltre dan tordna li jitpogga taht is-supervizjoni tal-Probation Officer Michelle Sultana ghal perjodu ta' tlett snin.**

**L-imputat probationer ghandu jsegwi l-ordnijiet u d-direttivi tal-Probation Officer Michelle Sultana u jzomm kuntatt regolari maghha u fin-nuqqas il-Qorti tesigi li tkun taf.**

**Il-Probation Officer Michelle Sultana ghandha tirrelata lil Qorti kull sitt xhur dwar l-andament tal-imputat.**

**Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lil Probation Officer Michelle Sultana.**

**Consuelo Scerri Herrera LL D**
**Magistrat**